3 ta' Novembru, 1952.

Imħallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

John Borg *versus* John Pisani

**Appell — Kontumaċja — Eċċezzjoni ta' l-Inkompetenza.**

*Huwa prinċipju illi l-kontumaċja ma tistax tiġi ritenuta ġustifikata meta hi kolpuża.*

*Il-fatt li l-konvenut ma deherx għall-kawża għaliex nesa ma jiġġustifikax il-kontumaċja, għaliex dik id-dimentikanza ma hix dak l-iżball invinċibili li jista' jopera bħala ġustifikazzjoni.*

*Lanqas ma jiswa bħala ġustifikazzjoni li l-kawża tkun ġiet kontestata fis-seduta ta' qabel dik li fiha ġie preżentat il-kapitolu kontra l-konvenut; għaliex il-liġi hi kategorika, u tipprexindi minn kwalunkwe kontestazzjoni preċedenti.*

*Lanqas ma jiswa bħala ġustifikazzjoni l-fatt li fis-seduta li fiha ġie rreferit il-kapitolu deher id-difensur tal-konvenut u ried jippreżenta nota ta' l-eċċezzjonijiet, fl-assenza tal-konvenut.*

*L-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza, "ratione materiae" jew "ratione valoris", jekk ma tiġix sollevata fil-Qorti t'Isfel, lanqas mill-Qorti "ex officio", ma tistax tiġi sollevata fl-appell.*

Il-Qorti, — Rat l-avviż preżentat quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta, li bih l-attur talab li l-konvenut jiġi kundannat jiżgombra mill-kumditajiet tal-fond numru 54, St. Pius V Street, tas-Sliema, li huwa qiegħed jokkupa bla titolu; l-attur jiddikjara fl-istess avviż, għall-fini tal-kompetenza, li l-kera tal-fond hu ta' £5. 10. 0 kull tliet xhur. Bl-ispejjeż ;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-2 ta' Ottubru 1952,

li biha t-talba ta' l-attur ġiet milqugħa, bl-ispejjeż, u ġie prefiss lill-konvenut għall-finijiet ta' l-iżgumbrament sa l-aħħar ta' Ottubru 1952;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut, u ċ-ċitazzjoni tiegħu li biha talab ir-revoka tas-sentenza;

Semgħet l-argumenti;

Ikkunsidrat;

Qabel xejn, għandha tiġi riżoluta f'din il-kawża l-kwistjoni jekk l-appellant għandux jiġi restitwit "in integrum" kontra l-effetti tal-kontumaċja tiegħu fl-ewwel istanza, u għalhekk imneħħi l-ostakolu għall-appell naxxenti mill-preżunta konfessjoni tiegħu tal-kapitolu propost mill-attur — prova unika f'dan il-każ quddiem il-Qorti t'Isfel;

Hu prinċipju li l-kontumaċja ma tistax tiġi ritenuta ġustifikata meta kienet kolpuża. Irriżulta li l-konvenut ma deherx għax nesa. Din id-dimentikanza ċertament ma hix dak l-iżball invinċibili li jista' jopera bħala ġustifikazzjoni (Kollez. Deċiż. Vol. XXIX—I—1583), imma hi, għall-kuntrarju, dik il-ħtija li, kif esprima ruħu l-Imħallef Professur Ganado, sedenti f'din il-Qorti in re "Ellul utrinque", 30 ta' Marzu 1949, Kollez. Vol. XXXIII—I—830. "toqtol kwalunkwe ġustifikazzjoni in bażi għall-aforisma 'qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire' ";

Il-fatt li l-kawża kienet ġa ġiet kontestata fis-seduta ta' qabel dik li fiha ngħata l-kapitolu, per mezz ta' l-appożizzjoni ta' l-inizjali tad-difensur (kif inhu użu fil-Qrati t'Isfel — ara, għar-rikonoxximent ta' dan l-użu, is-sentenza ta' din il-Qorti, sedenti allura l-kompjant Imħallef Dr. Luigi Camilleri, in re "Dr. Mifsud Bonnici vs. Saraceno", 3 ta' Settembru 1923, inedita) ma jiswiex lill-appellant għall-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja; għax, kif irritjena l-istess Imħallef Dr. Luigi Camilleri fil-kawża App. Inf. "Callus vs. Chircop", 3 ta' Lulju 1926, inedita, segwit mill-Imħallef sedenti fl-Appell Inf. "Dr. Vella vs. Gatt", 11 ta' Diċembru 1937, Kollez. Vol. XXIX—I—1603, il-liġi hi kategorika u tipprexindi minn kwalunkwe kontestazzjoni preċedenti;

Id-difensur ta' l-appellant, Dr. Magri, issolleva l-inċident

li d-difensur ta' l-appellant quddiem il-Qorti ta' Isfel, dak inhar li ġie preżentat il-kapitolu u l-konvenut kien assenti, talab lill-Maġistrat sedenti biex jippreżenta nota ta' l-eċċezzjonijiet li fiha (kif issa xehed il-P.L. Saliba) kien sejjer jissolleva l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza tal-Qorti "ratione valoris"; u l-istess Dr. Magri ġieb dan l-inċident bħala ġustifikazzjoni tal-kontumaċja;

Proprjament dan l-inċident ma hux konness mal-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja, għax din hi riferibili għall-konvenut personalment, u, kif ingħad, dan kien kontumaċi kolpożament. Aktar proprjament u eżattament, dan l-inċident jista' jġib revoka tas-sentenza appellata għal difett u għal raġunijiet indipendenti mill-konfessjoni preżunta tal-kapitolu;

Issa, kif jidher mill-fol. 2, f'dik is-seduta tat-2 ta' Ottubru 1952, ġie preżentat il-kapitolu mill-attur għas-subizzjoni tal-konvenut; u dan il-konvenut ma deherx. Il-kapitolu ġie mill-Qorti approvat. F'dik is-seduta l-P.L. Saliba, għall-konvenut, talab li jippreżenta nota ta' l-eċċezzjonijiet. Il-Qorti ta' l-Ewwel Grad ċaħdet it-talba fuq il-motivi li l-konvenut ma kienx deher u l-attur kien ippreżenta l-kapitolu;

Għandu jiġi l-ewwelnett rilevat li dan id-digriet tal-Qorti ta' l-Ewwel Grad ma ġiex appellat, imma ġiet appellata biss is-sentenza, u kwindi għadda f'ġudikat. L-appell mid-digriet ma hux imsemmi, la fin-nota u lanqas fiċ-ċitazzjoni ta' l-appell, mentri jmissu ssemma (ara art. 227 Kap. 15, partikularment is-subartikolu 7 tiegħu). Apparti minn hekk, id-digriet hu ġust, għaliex il-liġi hi kategorika, u ġaladarba l-konvenut kien kontumaċi, u ġie preżentat il-kapitolu, il-Maġistrat ma setax jammetti, iżda kien fid-dmir li jiċħad, kif korrettament għamel, il-preżentata tan-nota ta' l-eċċezzjonijiet. kif f'każ analogu, anzi fejn ir-raġuni motivatnti kienet ta' forza anqas, għax kien biss każ ta' kontumaċja, u mhux ta' kapitolu wkoll, ġie deċiż minn din il-Qorti, fil-ġurisdizzjoni tagħha superjuri, President Sir Arturo Mercieca, App. "Serra vs. Tesfa", 16 ta' Jannar 1925, Vol. XXVI—I—5, fejn ingħad:— "Per cui, secondo le categoriche disposizioni delle leggi sopra citate, il convenuto Testa non poteva essere ammesso dalla Corte di Prima Istanza a presentare la nota

delle eccezzioni e produrre prove in propria difesa dinanzi a *quella Corte*";

L-Imħallef sedenti jżid illi l-istitut tal-kontumaċja u tad-deferiment tal-kapitolu għas-subizzjoni, u tal-konfessjoni preżunta riżultanti mill-kontumaċja għall-kapitolu, kien isir irritorju u futili kieku kellu jiġi sanzjonat mit-tribunali li l-parti msejħa legalment għas-subizzjoni tista', bla raġuni leġittima, tonqos milli tidher, u intant id-difensur tagħha, biex isalva l-kontumaċja, jissolleva eċċezzjoni li tista' tkun tajba, imma li tista' tkun ukoll infondata, u ħalvolta biss pretest *biex tkun evaża l-liġi tal-kontumaċja*;

Għalhekk, anki jekk fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet li kienet sejra tiġi preżentata kien hemm l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza, kif ma jingħadx fil-verbal fol. 4, iżda kif xehed il-P.L. Saliba, ġaladarba l-preżentata ta' dik in-nota ġiet miċħuda, għal hekk għandu jiġi ritenut li l-eċċezzjoni ma ngħatatx;

Iżda (osserva Dr. Magri), l-eċċezz-joni ta' l-inkompetenza tista' tiġi sollevata "ex officio" mill-Qorti; fost każijiet oħra, anki meta relativa għall-valur bħal f'dan il-każ (art. 775 (b) Kap. 15). Issa, hu fatt li *l-Qorti t'Isfel ma ssollevatx*, u hu fatt ukoll li b'liġi (ara proviso ta' l-artikolu ċitat) l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza "ratione materiae" jew "ratione valoris" ma tistax tiġi sollevata fl-appell;

Apparti dan, id-domanda kienet għal żgumbrament minħabba li l-konvenut hu okkupant bla titolu. Kwindi l-każ hu ekwiparabili biss għall-każ espressament kontemplat mil-liġi fl-art. 757 (2) Kap. 15, fejn il-kompetenza hi determinata, *f'każ ta' bini urban*, u meta l-kera jitħallas bir-rati, mill-ammont ta' rata; f'dan il-każ ir-rata tat-trimest hi ta' £5. 10. 0, u għalhekk ta' kompetenza tal-Qorti ta' Isfel. Il-każijiet l-oħra, kontemplati fl-art. 756, 757 u 758, ma humiex analogi, għax jippresupponu "kerrej" mentri l-konvenut huwa okkupant bla titolu, u appuntu fid-dispożizzjoni ta' l-art. 757 (2) fuq ċitat hemm kontemplat każ fejn il-kirja spiċċat, u kwindi d-detenzjoni ssir, bħal f'dan il-każ, bla titolu. Għandu jiġi osservat li l-kapitolu f'dan il-każ hu formulat b'mod tali li *jikkomprendi t-talba kollha; u għalhekk* il-konfessjoni preżunta similment tkopri t-talba kollha; u kwindi bil-konfessjoni preżunta tal-materja kapitolata hemm anki l-prova li l-kon-

venut hu okkupant bla titolu, u li d-domanda hi ta' kompetenza tal-Qorti Inferjuri għax ir-rata tal-kera hi ta' £5. 10. 0. Minn dan li qed jingħad jiġi li l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza, anki kieku sollevata, ma kienetx bażata, u kwindi ma hemmx lok għal ebda nullità tas-sentenza impunjata;

Għal dawn ir-raġunijiet, tiddeċidi billi tiddikjara li għall-appell tal-konvenut hemm l-ostakolu tal-kontumaċja u l-preżunta konfessjoni quddiem l-Ewwel Qorti, u konsegwentement tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant. It-terminu ta' tletin ġurnata mogħti mill-Ewwel Qorti jibda jgħaddi mil-lum.